MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2008

Numru. 929/2003

**Il-Pulizija**
**Supretendent Alexandra Mamo**

**vs**

**Peter - Louis Grima**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Peter-Louis Grima, iben Joseph u Josephine Vella, imwieled Pieta`, fis-17 ta` Jannar, 1959 u residenti Numru 6, Triq it-Thabbriek, B`Bugia, u detentur tal-karta` ta` l-identita` numru 101659 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F`dawn il-Gzejjer;

a. F`Mejju 2003, fil-Belt Valletta u fi bnadi ohra f`dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f`att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` Bank privat, b`falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f`dawn l-atti jew skritturi, wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew jippruvaw, u cioe` billi ffalsifika l-firem tal-mara tieghu Margaret Grima fuq dokument kummercjali ta` ‘Calamatta Cuschieri & Co. Ltd’ u aktar talli xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija hawn fuq u dan bi ksur ta` l-Art. 183 u Art. 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

b. Talli fl-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra u xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, dan bi ksur ta` l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta’ Novembru 2003 (esebit a fol. 15 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-22 ta’ Jannar 2004 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz jirrigwardaw firma fuq dokument sottomess lil kumpanija Calamatta Cuschieri fejn kien hemm indikat bdil fl-indirizz. Din il-formola tinsab esebita a fol. 17 tal-process. L-imputat u martu Margaret Grima kellhom kont mal-kumpanija Calamatta Cuschieri

liema kumpanija kienet tiggestixxi l-investimenti taghhom u perjodikament huma kienu jircievu permezz ta' cekkijiet mibghuta mill-imsemmija kumpanija l-interessi rigwardanti dawn l-investimenti. Mill-provi rrizulta li ghall-habta ta' Ottubru 2003 Margaret Grima kienet ghamlet verifiki dwar cekk partikolari li ma kinetx irceviet u kienet giet infurmata minn Calmatta Cuschieri li hi u zewgha kienu ssottomettew formola fejn kien gie indikat bdil fl-indirizz u li fil-fatt ic-cekk li kienet qed tistaqsi dwaru kien intbaghat fl-indirizz il-gdid indikat fil-formola immarkata bhal Dok. AM3 (a fol. 17 tal-process). Hija kienet giet murija il-formola in kwistjoni fejn kien hemm il-firma taghha kif ukoll dik ta' zewgha l-imputat. Hija nfurmat lil Calamatta Cuschieri li l-firma li kien hemm fuq il-formola ma kinetx taghha u cioe' hija qaltilhom li ma kienet qatt iffirmat l-imsemmija formola u li ma kinetx a konoxxenza ta' bdil fl-indirizz. Hija qaltilhom ukoll li hi u zewgha kienu ghaddejjin minn proceduri ghal separazzjoni personali u marret taghmel rapport lil Pulizjia rigward tali l-firma li hija kienet qed tallega li ma kinetx taghha. Mix-xhieda tas-Supretendent Alexandra Mamo irrizulta li waqt it-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat huwa kien indikalhom il-post fejn kien hemm ic-cekk li Margaret Grima kienet qed taghmel il-verifiki dwaru, liema cekk ma kienx issarraf.

Fil-kors ta' dawn il-proceduri, u precizament permezz ta' digriet tal-10 ta' Mejju 2005 gie appuntat Martin Bajada bhala espert kaligrafu bl-inkarigu li janalizza id-dokumenti immarkati bhala AM3 u AM5 u esebiti a fol. 17 u 19 tal-process sabiex jistabilixxi jekk il-firma ta' Margaret Grima li tidher fuq dawn id-dokumenti hijiex effettivament il-firma taghha jew le. Ir-rapport tal-imsemmi espert kaligrafu jinsab esebit a fol. 68 et sequitur tal-process u f'dan ir-rapport huwa kkonkluda is-segwenti:-

“ Illi mill-analisi komparattiv bejn il-firem ta' Peter Grima fil-kampjun DOK MBB mal-firma fuq in-naha tax-xellug fuq DOK AM3, irrizulta li dawn saru mill-istess id u cioe' dik ta' Peter Grima l-imputat.

Illi mill-analisi komparattiv bejn il-firem ta' Margaret Grima fil-kampjun MBA mal-firma fuq in-naha tal-lemin fuq DOK

AM 3, irrizulta li l-firma fuq DOK AM3 ma saritx minn Margaret Grima.

Illi mill-analisi komparattiv bejn il-firem ta' Peter Grima fil-kampjun DOK MBB mal-firma fuq in-naha tal-lemin fuq DOK AM3, u cioe' dika allegatament ta' Margaret Grima, ir-rizultat kien wiehed negattiv, izda l-esponent ma jeskludix li dina l-firma setghet saret mill-imputat."

Illi permezz tal-kawza odjerna l-imputat jinsab akkuzat li ffalsifika il-firma ta' martu fuq Dok. AM3 u li xjentement ghamel uzu minn att kitba jew skrittura falza, u cioe' bir-reati kontemplati fl-Artikoli 183, 184 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-provi migjuba fil-kawza odjerna u xjentament mir-rapport tal-espert kaligrafu li saret referenza ghalih fil-paragrafu precedenti rrizulta li l-firma li kienet tidher fuq Dok. AM3 u ndikata bhala ta' Margaret Grima fil-fatt ma kinetx saret minn Margaret Grima. Izda minn imkien mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni ma rrizulta li tali firma saret mill-imputat jew li kien l-imputat li ghadda d-dokument fejn kienet riportata din il-firma lil Calamatta Cuschieri. Mill-konkluzjonijiet tal-espert kaligrafu fil-fatt wiehed jara li mill-analizi komparattiv li sar bejn il-firem tal-imputat mal-firma fuq in-naha tal-lemin fuq Dok. AM3, u cioe' dik allegatament ta' Margaret Grima, ir-rizultat kien wiehed negattiv. L-espert kaligrafu qal biss li huwa ma jeskludix li din il-firma setghat saret mill-imputat. Fil-fehma tal-Qorti din il-konkluzjoni tal-espert tekniku ma tistax titqies bhala prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni sabiex l-imputat jinsab hati tar-reat ta' falsifikazzjoni tal-firma ta' martu Margaret Grima. In oltre l-anqas l-uzu tad-dokument bil-firma falsifikata ma jirrizultax pruvat lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni fil-konfront tal-imputat stante illi ir-rapprezentati ta' Calamatta Cuschieri li xehdu f'dawn il-proceduri ma kinux cari dwar kif id-dokument in kwistjoni gie fil-pussess taghhom. Alex Cuschieri li xehed fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2005 jghid li Dok. AM3 gie lura ghandhom jew ghaliex intbaghat bil-posta jew inkella 'by hand' izda ma jindikax min kien ikkonsenja t-tali dokument. Caroline Cutajar li wkoll xehdet fis-seduta tal-

10 ta’ Mejju 2005 ma kinetx f’pozizzjoni tghid min kien ikkonsenja tali formola.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat ma gewx pruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat bhala mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------